

32007D0118

20.2.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 51/19

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Frar 2007

li tistipula regoli dettaljati relatati ma' marka ta' identifikazzjoni alternattiva skond id-Direttiva 2002/99/KE

(notifikat bid-dokument numru C(2007) 422)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/118/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influenza tat-tjur u li tirrevoka d-Direttiva 92/40/KEE ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 23(1) (g) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2002/99/KE tistipula l-kundizzjonijiet li jiżguraw li l-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-prodotti ta' oriġini fi ħdan il-Komunità ma jikkawżaw l-ebda tixrid ta' mard li jittieħed mill-annimali. Għal dan il-għan hija ma telenkax biss trattamenti varji relatati mal-mard biex tiddiżattiva l-patoġenu kawżanti imma fuq kollox tipprevedi l-markament speċifiku ta' prodotti ristretti bħal dawn.
- (2) Id-Direttiva, madankollu, tipprevedi wkoll il-possibilità li tistipula regoli speċifiċi għall-applikazzjoni tagħha, inkluż it-twaqqif ta' marka ta' identifikazzjoni speċifika meħtieġa għal-laħam mhux awtorizzat għat-tqegħid fis-suq għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali.
- (3) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(1) (g) tagħha, tipprevedi li l-laħam tat-tjur li joriġina minn stabbilimenti li jinsabu f'żoni protetti ma jistax jidħol f'kummerċ intra-Komunitarju jew internazzjonali. Minħabba f'hekk laħam bħal dan irid, sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni differenti, ikollu l-marka stipulata fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE.

- (4) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE ta' l-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għal kontroll tal-marda Newcastle ⁽³⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 9 (2) (f) (i) u l-paragrafu 4 (c) jitolbu li l-laħam li ġej mit-tjur li joriġina minn żoni ta' protezzjoni jew ta' sorveljanza ma jidħolx f'kummerċ intra-Komunitarju u li jkollu l-marka li tikkorrispondi mal-marka ta' identifikazzjoni speċjali prevista fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE.

- (5) Ċerti Stati Membri infurmaw lill-Kummissjoni li dik il-marka ta' identifikazzjoni ma ntlaqgħetx tajjeb mill-operaturi u l-klijenti fl-industrija. Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi stipulata marka ta' identifikazzjoni alternattiva li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw, minflok il-marka prevista fl-Anness II tad-Direttiva 2002/99/KE. Madankollu, fl-interess tal-kontrolli, huwa importanti li l-Istati Membri jinformaw lill-Kummissjoni minn qabel, jekk jiddeċiedu li japplikaw il-marka ta' identifikazzjoni alternattiva f'każ ta' tifqiegħa ta' influwenza tat-tjur jew marda ta' Newcastle.

- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ⁽⁴⁾, jistipula marka ta' identifikazzjoni li għandha tiġi applikata għal ċertu laħam li joriġina mill-annimali maħsub għat-tqegħid fis-suq.

- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi l-arranġamenti tranżitorji għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 ⁽⁵⁾, jipprevedi l-użu temporanju ta' marki ta' identifikazzjoni nazzjonali għall-prodotti ta' oriġini mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem li jistgħu jiġu kkummerċjalizzati biss fit-territorju ta' l-Istat Membru fejn jiġu prodotti.

⁽³⁾ ĠU L 260, 5.9.1992, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

⁽⁴⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 5; verżjoni kkoreġuta bil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

⁽⁵⁾ ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1666/2006 (ĠU L 320, 18.11.2006, p. 47).

⁽¹⁾ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.

- (8) Il-marka ta' identifikazzjoni alternattiva stipulata f'din id-Deċiżjoni għandha tkun tintgħaraf b'mod ċar minn marki ta' identifikazzjoni oħrajn li jridu jiġu applikati għal-laħam tat-tjur skond ir-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 jew 2076/2005.
- (9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Marka ta' identifikazzjoni alternattiva

1. Għall-fini ta' l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw il-marka ta' identifikazzjoni stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni ('il-marka ta' identifikazzjoni alternattiva') minflok il-marka ta' identifikazzjoni speċjali stabbilita fl-Anness II tad-Direttiva 2002/99/KE.

2. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw il-marka ta' identifikazzjoni alternattiva għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan fil-qafas tal-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

Artikolu 2

Markament tal-laħam tat-tjur ta' l-irziezet u tjur tal-kaċċa mrobbija ristretti għas-suq nazzjonali

Laħam mit-tjur ta' l-irziezet jew tjur tal-kaċċa mrobbija, inkluż kapuljat, laħam separat b'mod mekkaniku u preparazzjonijiet tal-laħam u/jew prodotti tal-laħam, li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/99/KE u huma għal-hekk ristretti għas-suq nazzjonali ta' l-Istat Membru milqut skond il-paragrafu (1)(g) ta' l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2005/94/KE jew il-paragrafi 2(f)(i) u (4)(c) ta' l-Artikolu 9 tad-Direttiva 92/66/KEE, jistgħu jiġu mmarkati

- (a) bil-marka ta' identifikazzjoni alternattiva, jew
- (b) bil-marka nazzjonali, jekk daww il-prodotti jkunu ġew prodotti fi stabbilimenti skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2076/2005.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 16 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Il-marka ta' identifikazzjoni stipulata fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni trid tiġi applikata skond id-dimensjonijiet li ġejjin, jew kwalunkwe proporzjon xieraq tiegħu li jħalli l-informazzjoni tinqara.


Daqs:

XY ^(a) = 8 mm

1234 ^(b) = 11 mm

Il-wisa' tad-dijametru ta' barra = mhux inqas minn 30 mm

Il-ħxuna tal-linja tal-kaxxa = 3 mm



^(a) Tfiisser il-kodiċi tal-pajjiż rilevanti stipulat fil-punt 6 tal-Parti B tat-Taqsima I ta' l-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

^(b) Tfiisser in-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment li jirreferi għalih il-punt 7 tal-Parti B tat-Taqsima I ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.